MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 23 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1701/2001/1

**Joseph Falzon**

**Vs.**
**Giacomo Farrugia**

**It-Tribunal**
Ra l-avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas mhux izjed minn Lm1500 in konnessjoni ma' incident ta' traffiku li gar fit-12 ta' Mejju 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn l-konvenut sostna li ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti s-sewwieq tal-karozza tal-attur minhabba speed ecesiv.

Ra id-dokumenti esebiti

Sema x-xhieda

Illi fir-Road Accident Report il-Pulizija li investiga l-incident kiteb:

Jason Vella li kien qed isuq il-karozza tal-attur qal:

Jiena kont ghaddej fi Triq il-Qaliet fid-direzzjoni tal-Jerma Palace meta l-vettura l-ohra DBB409 harget minn Triq il-Vajrita u hbattna. Siehbi li kien passigier hdejja habat rasu u wegga ftit.

Il-konvenut qal:

Jiena hrigt minn Triq il-Vajrita ghal got-Triq il-Qaliet M’Scala biex nsuq lejn id-direzzjoni ta’ Zabbar meta l-vettura l-ohra nur. BAR 384 li kienet misjuqa fi Triq il-Qaliet fid-direzzjoni tal-Jerma Palace dahlet fija.

Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Jason Vella qal:

“kif ghaddejna Triq il-Vajrita hareg vann li habat go fina u tefana fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-vann hareg minn Triq il-Vajrita fejn hemm stop sign”.

Xehed ukoll l-attur li qal li qieghed jppretendi Lm948 kif jirrisulta mis-survey u cioe LM948 u Lm3 tal-iskizz.

John Spiteri, habib tal-attur li kien qed isuq karozza wara dik tal-attur qal li ra l-van hiereg minn side street u jahbat go l-Fiesta u jimbottah fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Il-konvenut xehed hekk quddiem it-Tribunal:

“Jiena nikkonferma li hrigt minn go side street. Anzi nghid li qabel ma hrigt ghaddiet karozza rajt li ma kien gej hadd, u hrigt….jiena nghid li kont ezatt fuq il-linja tan-nofs tat-triq meta saret il-habta. Ppuntat fid-direzzjoni ta’ Zabbar. F’dan il-mument kont ghadni qed indur. Qabel l-incident ma kontx rajt lill-attur. Ma rajtx lanqas id-dawl tieghu.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li l-Fiesta kienet gejja wrong side u bid-daqqa hu dar ghan-naha l-ohra. Il-konvenut qal li fuq il-lemin tieghu, fuq l-istop sign, seta jara sewwa fit-tul.

Il-hsarat fiz-zewg karozzi kienu fuq quddiem.

Illi l-konvenut hareg fuq stop sign. Il-konvenut jghid li ghalkemm waqaf ma kienx ra lil karozza tal-attur.

Illi l-awturi  Macintosh and Seoble (Negligence in Delict pg.369) jghidu “The driver approaching a stop sign must look and listen in both directions in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away, at what speed they appear to be progressing and then, only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection may he proceed further.”

Fil-kawza Franco v. King intqal obiter minn Tindell J. li “The driver in the through street is entitled to expect the driver approaching the Stop Sign to stop.”

Illi fil-kawza Joseph Randolph Camilleri propio et nomine vs. Raymond Tabone Qorti Civili 5/10/94 intqal:  “Hu ovvju wkoll li jinkombi fuq l-attrici bhala side road user illi fil-punt fejn jiltaqghu z-zewg toroq tieqaf zobtu biex tesplora xi traffiku jkun gej fuq it-triq principali u kienet obbligata li ma tazzardax tifrex fuq din it-triq qabel ma tkun accertat ruhha li setghet taghmel hekk bla perikolu ghaliha u ghall-vetturi ohra.”

Issir riferenza ukoll ghal Camilleri vs. Demicoli Qorti tal-Appell (27/7/81): “Il-grad ta’ diligenza u prudenza u attenzjoni li l-utenti tat-triq laterali obbligat jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej fil-main road (ghaliex dan it-traffiku ghandu d-dritta) li jesplora tajjeb it-triq li ser johrog fiha u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li ser johrog bla hsara.”

Illi f’din il-habta l-konvenut kien negligenti ghaliex naqas li jara l-karozza gejja fuq il-Main Road u hareg minn fuq stop sign meta kien hemm karozza tal-attur fil-Main Road. Illi l-konvenut ma gab l-ebda prova li l-karozza tal-attur kienet qieghda tinsaq b’speed eccessiv.

Illi d-danni  ma gewx kkontestati u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad r-risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament risponsabbli ghal incident in kwistjoni u ghandu ihallas l-ammont ta' Lm951 lil attur bl-ispejjes u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

**Philip Manduca**
**Gudikant**